## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 14/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Denise Muscat (ID Nru. 229492(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Jannar, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u disgha u hamsin centezmi (€722.59) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 8 ta' Awwissu, 2011 (AC51051812), bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1790/16 u bl-imghaxijiet legali sa mill-15 ta' Lulju, 2016 datat tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra n-noti ta' riduzzjoni a fol. 7 u a fol. 13 tal-process.

Ra n-nota ta’ cessjoni fir-rigward tas-sorte a fol. 22 tal-process filwaqt li s-socjeta` attrici zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-11 ta’ Lulju, 2017.

Ra illi skont kif verbalizzat fis-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2017 l-intimata effettivament hallset is-sorte u mill-ispejjez hallset is-somma ta’ €18.63.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduti u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha r-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub thallas mill-intimata u li mill-ispejjez thallset ukoll is-somma ta’ €18.63.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li l-intimata ghadha debitrici tas-socjeta` attrici ghall-bilanc rimanenti mill-ispejjez legali inkluzi dawk koncernanti l-ittra ufficjali 1790/16 wara l-hlas ta’ €18.63 allokat ghall-istess kap tal-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta. Huwa car li, skont il-ligi, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data illi fiha d-debitur ikun gie a konjizzjoni tat-talba maghmulha fil-konfront tieghu b’mod ufficjali u kwindi jonqos milli jhallas l-

addebitu. F'dan il-kaz allura l-ewwel interpellazzjoni giet notifikata lill-konvenut fil-21 ta' Lulju, 2016 u allura t-Tribunal ser jordna li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenut jibdew jiddekorru minn tali data sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-tat-talba attrici sakemm din tikkoncerna s-sorte in vista tan-nota ta' cessjoni relattiva, jilqa' ghall-bqija it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici il-bilanc rimanenti mill-kap tal-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali 1790/16 wara li titnaqqas is-somma ta' €18.63 diga` mhallsa mill-intimata f'dan ir-rigward u bl-imghaxijiet legali komputati fuq is-sorte minn zmien ghal zmien sa mil-21 ta' Lulju, 2016 data tan-notifika tal-ittra ufficjali surreferita kontra l-intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**